27 ta' Marzu 2019
41/2019

# IL-KATIDRAL TAL-IMDINA SE JIFTAĦ IL-LEJL KOLLU GĦALL-QRAR

Fil-lejl ta' bejn il-Ġimgħa u s-Sibt li ġej, 29 u 30 ta' Marzu 2019, is-seminaristi flimkien mal-Kapitlu Metropolitan se jorganizzaw '**24 siegħa għall-Mulej**'. Il-Katidral ta' San Pawl fl-Imdina se jkun miftuħ lejl sħiħ u għadd ta' saċerdoti se jkunu disponibbli għas-Sagrament tal-Qrar matul din il-velja. Il-Katidral se jkun miftuħ mill-Ġimgħa fis-7:00 p.m. sas-Sibt fit-8:00 a.m.

Huwa l-Papa Franġisku li nhar il-Ġimgħa filgħaxija fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma se jagħti bidu għas-sitt edizzjoni ta' '24 siegħa għall-Mulej'. L-għan tal-inizjattiva hu li fil-jiem ta' qabel ir-raba' Ħadd tar-Randan kull djoċesi madwar id-dinja jkollha knisja miftuħa matul il-lejl biex toffri riflessjonijiet, kant, qrar u spazju ta' skiet quddiem Ġesù Sagramentat.

Matul l-'24 siegħa għall-Mulej' il-Kattoliċi huma mħeġġa jersqu lejn il-qrar u jagħrfu l-kobor tal-ħniena u l-imħabba tal-Mulej, b'mod speċjali ż-żgħażagħ li jixtiequ jiskopru mill-ġdid is-sens tal-ħajja tagħhom. Kif ifakkar il-Papa Franġisku fl-ittra appostolika *Misericordia et Misera*: "Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni għandu bżonn li jerġa' jsib il-post ċentrali tiegħu fil-ħajja Nisranija".

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**